MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 214/2011

Kawza fil-lista: 35

**T Y**
**vs**
**P B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Jannar 2004, u f'dan iz-zwieg ma twieldux tfal; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak ta' l-attrici, fit-termini tal-paragrafi [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet; bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut baqa' ma ntavola l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-8 ta' Jannar 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut ma pprezenta l-ebda risposta.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi.

Illi mill-provi mhux kontradedtti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-8 ta' Jannar 2004 meta allura l-attrici kellha 30 sena u l-konvenut kellu 21 sena; u ftit xhur biss minn meta ltaqghu, il-partijiet izzewgu, minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

L-attrici tghid li minn wara li zzewgu l-konvenut inbidel; tant li mill-ewwel ma riedx jghix maghha u minkejja li l-attrici kienet tavvicina lill-zewgha huwa qatt ma ried li dan iz-zwieg jigi kkunsmat u ghalhekk ma kellhomx relazzjonijiet intimi flimkien. L-attrici tispjega li hija qatt ma ltaqet m'omm zewgha u l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra li wkoll kellu wild minnha. L-istess attrici tghid li anke meta mardet, zewgha mhux talli ma marx izurha izda ma ratux aktar minn dak iz-zmien.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens

matrimonjali dana eskluda b' att pozittiv tal-volonta' tieghu l-obbligazzjonijiet essenzjali ghaz-zwieg, senjatament il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-8 ta' Jannar 2004.

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------